MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 46 – 4 Leġislatura**

**Il-Erbgħa 10 ta'Settembru 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President/Sindku M'skala | Chev Mario Calleja |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Anton Vassallo |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Is-Sur Karl Boxall u Sindku Sinjura Joan Agius

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**46.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**46.1.1** Il-President informa li Sindku Joan Agius ma setgħatx tattendi minħabba impenn tal-Kunsill u Sindku Karl Boxall kien jinstab indispost

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**46.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**46.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsilliera Elke Cassar Sghendo, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**46.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**46.2.3.1** Il-President ta' rendikont dwar fejn wasal ix-xogħol fuq il-binja Amministrattiva. Il-Kuntratt ġie iffirmat mid-Dipartiment tal-Kuntratti Huwa tenna li l-kuntrattur u il-periti preparaw il-*method statement* sabiex issiru l-applikazzjonijiet ma il-BCA sabiex ikun jista jinbeda xogħol tal-kostruzzjoni. Ir-Reġjun ħareġ sejħa għal *health and safety officer* li ser ikun qed iħares l-interess ta' Reġjun.

**46.2.3.2** Il-President tenna li fuq il-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart kien hemm min irrisponda u kien hemm min għadu ma rispondiex. Huwa ħeġġeġ lil dawk il-kunsilli sabiex jagħtu risposta tagħhom.

**46.2.3.3** Il-President informa li kien attenda flimkien ma Segretarju Eżekuttiv għal konferenza mtela mill AKL fuq **TIPS4UA Project** fejn kienu mistiedna Sindki min diversi Reġjuni mill Ukrajna. Reġjun għamel preżentazzjoni dwar ix-xogħolijiet u il-proġetti li jagħmel mal-lokalitajiet f'ħdanu. Min naħa tagħhom preżentaw dak il jista' joffri ir-Reġjun tagħhom fejn spiċċaw diversi proġetti rigward il-kwalità ta' l-ilma. Madanakollu Reġjuni oħra huma milquta direttament mill-ġwerra u urew il-ħruxijiet li kien qed jagħdu minnhom ir-residenti tagħhom.

**46.2.3.4** Il-President qal li huwa u Kunsillier Anton Aquilina kienu ser jattendu għal Kungress ta' Lisbona relatat ma European Holy Week bejn 6 u 10 ta' Ottubru kif kien informa waqt il-laqgħa preċedenti. Għal dan il-Kungress il-Kunsill ta' Zejtun kien pprepara preżentazzjoni.

Min naħa ta' Reġjun permezz ta' l-involviment ta' IT Maniġer din il preżentazzjoni ġiet esibita online.

46.2.3.5 Il-President fakkar li membri preżenti bl-attivitajiet li kien ser jagħmel ir-Reġjun fosthom l-attivita marbuta ma l-għeluq tal-Proġett Art for Active Aging li ser issir f'30 ta' Settembru ġewwa ċentru parrokkjali ta' San Bastjan. L-attività l-oħra kienet marbuta ma proġett kwiżż fejn l-għeluq tiegħu kien ser issir Kaċċa għat- Teżor nhar 18ta' Ottubru bejn 1pm u 4pm u fl-24 ta' Ottubru ser issir laqgħa Annwali fil-Ġnien ta' Serenita Santa Luċija. Huwa tenna li l-uffiċju kien impenjat bil-preparamenti għal dawn l-attivitajiet

**46.3 Komunikazzjoni mill-president**

**46.3.1 Proġett Hena -Applikazzjoni Arts Council**

Il-President informa li l-applikazzjoni relatat mal-Proġett Hena -Emozzjoni, Narrativa u Arti ġie aċċetta mill Kunsill għal Arti u ir-Reġjun ser jingħata 17,700 ewro fondi ta' għajnuna għal dan il-proġett. Huwa irringrazzja li Segretarju Eżekuttiv li issottomettiet dan il-proġett.

**46.3.2 Cir AKL/Regjuni 006/2025_Tnedija tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni ELoGE għall-Kunsilli Lokali**

Il-President informa li AKL bagħtet kommunikat sabiex Reġjun jikkordina proġett Tnedija tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni ELoGE għall-Kunsilli Lokali. Uffiċjali Maniġerjali attendew għal seminars fejn ingħataw informazzjoni dwar x'jinvolvi dan l-Akkreditazzjoni li hija bażata fuq 12 il-prinċipju ta' goveranza tajba li jsegwu il-Kunsilli Lokali. L-Akl qed tħeġġeġ 3 Kunsilli min kull Reġjun sabiex jidħlu għal dan l-impenn u jakkwistaw din l-Akkreditazzjoni. Il-President tenna li dawk il-kunsill interessati sabiex jinfurmaw sabiex il-maniġers jagħtuhom iktar dettalji.

**46.4 Skeda ta' Pagamenti;**

46.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

46.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Joan Agius u sekondat Kunsillier Elke Cassar Sghendo, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**46.5 Rapporti**

**Ma kienx hemm rapporti**

**46.6 Item: Festival Internazzjonali tal-Korijiet għal żmien il-Milied**

Il-President informa li Reġjun saritlu talba sabiex Reġjun Nofsinhar jospita il Festival Internazzjonali tal-Korijiet tal-Milied bħal ma kien għamel is-sena ta' qabel. Huwa talb is-Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra il-proposta li bagħat l-organizzatur. Fil-kommunikat huwa nforma li dan il-festival ser issir il-Gimgħa 5, is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Diċembru, 2025, parteċipazzjoni rekord ta' korijiet minn kull rokna ta' l-Ewropa. Huwa qal li festival ta' sena l-oħra kien success għalhekk qed jissuġerixxi li jadatta l-istess andament. Fakkar li Festival sar f'dawn il-knejjes: Qormi – San Gorg u San Sebastjan Gudja – Santa Marija Luqa – Sant Andrija, Għaxaq – Santa Marija, Birzebbuga – San Pietru, Marsa – Trinita Qaddisa, Santa Venera – Santa Venera, Zejtun – Santa Katarina – Serata finali. Sfortunatament għal ragunijiet ta' akustika u ta' spazju, mhux possibli li jinbidel il-post fejn issir is-Serata finali, jigifieri il-Knisja taz-Zejtun.

Sabiex din sena dan il festival jitgawda min resident ta' lokalijiet oħra huwa kien qed jipproponi li jinbidlu xi knejjes biex ninkludi l-knejjes ta' Marsascala, Ħamrun – Kunċizzjoni, San Gejtanu u Maria Regina- Marsa. Fl-opinjoni tiegħu, l-knisja ta' Santa Luċija u Marsaxlokk ma humiex kbar bizzejjed għal dan il-Festival. L-oraganizattur tenna li dan il-festival jinvolvi ħafna spejjez għalhekk kien qed jitlob sabiex l-għajnuna finanzjarja tkun doppju ta'sena ta' qabel sabiex jkopru spejjez relatati ma transport.

Il-Kunsill diskutta din il proposta u qabel mal prinċipju, bħala knejjes il-prajorita tkun dawk il-knejjes li ma ħadux sehem is-sena l-oħra. L-organizattur ser ikun qed jikuntatja li kappillani tal-knejjes ta' lokalitajiet msemmija.

**46.6.1 Il-Kunsill approva iħallas l-ispejjes ta' transport sa massimu ta' 7,000 ewro**

**46.7 Item: Proposta għal xiri ta' apparat sabiex jiġu identifikati il-preżenza ta' gassijiet f'postijiet bħal shelters taħt l-art u kantini**

Il-President informa li fuq proposta ta' Kunsillier fil-Kunsill ta' Ħal-Luqa, il-Maniġer responsabbli mil-ambjent għamel riċerka fuq apparat li jidentifika il-preżenza tal-gassijiet tossiċi f'postijiet taħt l-art bħal shelters u għerien. Il-President stieden li Maniġer sabiex jagħmel il-preżentazzjoni li kien pprepara fuq l-apparat *spectrometer*.

Huwa ta' spjegazzjoni ta' l-użu tiegħu u il-benefiċċji li l-arja tkun ttestjata qabel dawn il-postijiet ikunu utilizzata mill-pubbliku.

**46.7.1 Il-Kunsill irrikonoxxa l-bżonn ta' xiri ta' dan l-apparat biex jintuża mill-Kunsilli u approva l-ispiża ta' madwar 1,500 ewro**

46.8 Affarijiet Oħra

46.8.1 Il-President stieden li Sindki u Delegati sabiex jagħdu il-mistoqsijiet tagħhom. Sindku Mario Calleja tkellem dwar l-andament ta' ġbir ta' l-iskart fil-lokalita ta' Marsaskala. Huwa qal li għad hemm diversi ilmenti mir-residenti. L-istess tenna Sindku Luke Farrugia dwar il-Marsa u Sindku Gianluca Falzon għal lokalita ta' Santa Venera. Il-President qal li Reġjun ser jinnotifikaw lil kuntrattur sabiex jiġu indirizzati dawn l-ilmenti. Huwa kompla billi qal li tracking kien qed jerġa jiffunzjona u ħeġġeġ lil Kunsilli sabiex jagħmlu użu mill group wattsup chat li hemm mal-kuntrattur.

**46.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

46.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal l-Ħamis 16 ta' Ottubru 2025

Konfermati llum 1~~0~~6 ta' ~~Settembru~~ Ottubru 2025 ____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv